MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2004

Numru 179/2004

Il-Pulizija
(Sp Angelo Caruana u
Sp Stephen Gatt)
vs
Redent Mercieca, iben Michael,
imwieled Pieta' fil-31 ta' marzu, 1979
u
Kevin Vella, iben Terrence, imwieled Pieta' fl-10 ta' diċembru, 1982

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati –
1. talli fl-Imsida fl-4 ta' marzu, 2004 għal ħabta tal-10.30 a.m. ikkomettew serq ta' flus u cioe' s-somma ta' Lm10,245 liema serq hu kkwalifikat bl-ammont li jeċċedi l-elf lira maltin u bil-persuna għad-dannu tal-kumpanija Busy Bee Ltd.;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi, f'dawn il-Gżejjer xjentment laqgħu għandhom jew xtraw ħwejjeġ

misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indaħlu biex ibiegħhom jew imexxuhom;
3. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi bil-qerq ħolqu jew ġiegħlu jidher li donnu hemm fatt jew ċirkostanża sabiex dan il-fatt jew ċirkostanża jkunu jistgħu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna oħra, bil-ħsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tiġi kontra s-sewwa akkużata jew misjuba ħatja ta' reat;
4. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi ddenunzjaw lill-Pulizija esekuttiva reat li jafu li ma sarx, inkella bil-qerq ħolqu t-traċċi ta''reat b''od li setgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.
Lil Redent Mercieca, waħdu –
5. talli fl-4 ta' marzu, 2004 ħalef il-falz quddiem imħallef, maġistrat jew quddiem uffiċjal ieħor li kellu setgħa b'liġi li jagħti l-ġurament;
6. talli kkometta reat li għalih hemm piena ta' priġunerija fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża ta' għoxrin (20) xahar sospiża għall-tlett (3) snin mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-1 ta' diċembru, 2003;
7. talli sar reċidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta).

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' marzu, 2004 fejn il-prosekuzzjoni nfurmat lill-Qorti li r-refurtiva hi ta' Lm10,245 fi flus kontanti u li tali somma ġiet kollha rkuprata ħlief għal Lm150. L-imputati obbligaw ruħhom li jroddu lura s-somma ta' Lm150.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' marzu, 2004 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-avukati ta' l-imputati u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputati ħatja tat-tieni akkuża miġjuba kontra tagħhom u għalhekk tilliberhom mill-istess akkuża.

Issib lill-imputat Kevin Vella ħati tal-akkużi l-oħra kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(ċ)(d), 267,

268(d), 279(b), 280(1) u 110 tal-Kodiċi Kriminali.
Ikkunsidrat dwar il-piena. Illi l-imputat Kevin Vella ammetta l-ħtija tiegħu fl-ewwel seduta, ir-refurtiva ġiet mogħtija lura, rat il-fedina penali tiegħu kif ukoll l-eta' tiegħu u dawn huma fatti li għandhom jmorru favur l-imputat. Għalhekk, tikkundanna lill-imputat għal piena ta' sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma għandhiex isseħħ ħlief jekk fil-perjodu ta' erba' snin mil-lum l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija. Rat l-artikolu 28Ġ u tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Superviżjoni għal żmien ta' erba' snin mil-lum.
Fl-aħħar, rat l-artikolu 28H u tordna lill-imputat Kevin Vella li jħallas is-somma ta' Lm75 lill-kumpanija Busy Bee Ltd. fi żmien xahar mil-lum.

Issib lill-imputat Redent Mercieca ħati tal-akkużi l-oħra kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(ċ)(d), 267, 268(d), 279(b), 280(1), 108(1)(a), 110, 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali. Ikkunsidrat dwar il-piena. Illi l-imputat Redent Mercieca ammetta l-ħtija tiegħu fl-ewwel seduta, ir-refurtiva ġiet mogħtija lura, l-eta' tiegħu u dawn huma fatti li għandhom jmorru favur l-imputat. Għalhekk, tikkundanna lill-imputat għal ħlas ta' multa ta' ħames mitt liri maltin (Lm500). Rat is-sentenza tal-1 ta' diċembru, 2003 u wara li rat l-artikolu 28B testendi l-perjodu operattiv ta' tali sentenza għall-perjodu ta' erba' snin mil-lum. Rat l-artikolu 28G tal-Kodiċi Kriminali u tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Supervizjoni għal żmien ta' erba' snin mil-lum. Rat l-artikolu 28H u tordna lill-imputat Redent Mercieca li jħallas
is-somma ta' Lm75 lill-kumpanija Busy Bee Ltd. fi żmien xahar mil-lum.
Fl-aħħar, rat l-artikolu 109 tal-Kodiċi Kriminali u tordna l-interdizzjoni ġenerali
ta' l-imputat Redent Mercieca għal żmien ħames snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------